**BEJGH B'LICITAZZJONI**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 21 ta' Frar 2001.**

**Kawza Numru. 31**
**Citaz. Numru. 2523/97/RCP.**

**Carmelo sive Lino, Mariella, Sandro, Angele u Joseph, ilkoll ahwa Farrugia**

**vs**

**Charles u Louis, ahwa Calleja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-atturi u l-konvenuti huma ko-proprjetarji ta' erba' fondi, liema fondi huma deskritti f'lista hawn annessa u markata Dokument 'A', u dan in kwantu ghal nofs indiviz mill-atturi f'kwoti ugwali bejhiethom, u in kwantu ghal nofs indiviz l-ehor mill-konvenuti fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi b'skrittura privata li ggib id-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elf disa mija sebgha u disghin (1997) hawn annessa u mmarkata Dokument 'B' il-partijiet qablu li l-fondi mhumiex komodament divizzibbli fil-kwoti tal-partijiet u li ghalhekk ghandhom jigu licitati skond il-ligi;

Illi l-atturi jridu jitterminaw l-istat ta' ko-proprjeta a bazi ta' l-istess skrittura, u senjatament skond l-artikoli wiehed (1) u tnejn (2) ta' l-istess skrittura privata Dokument 'B'.

L-istess atturi talbu li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti M'ghandhiex:

1. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-erba' fondi proprjeta komuni, u cioe` d-djar li jgibu n-numri hamsa u tletin (35) u sitta u tletin (36) Islets Promenade, Bugibba, u l-garaxxijiet li jgibu n-numri timintax (18) u tlieta u ghoxrin (23) Anici Street, Qormi, kif ahjar deskritti fl-annessa lista Dokument 'A', okkorrendo bin-nomina ta' Perit Arkitett biex jaghmel stima taghhom, u dan bl-ammissjoni tal-oblaturi estraneji

u taht dawk id-direttivi u provvedimenti xierqa u necessarji;

2. Tordna li r-rikavat mill-bejgh jigi allokat lill-partijiet, u jittiehed minnhom skond il-kwota ta' ko-proprjeta, u cioe` parti wahda minn ghaxra (1/10) kull wiehed u wahda mill-atturi u kwart (1/4) kull wiehed mill-konvenuti.

Bl-ispejjes kollha, inkluz l-ETS, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni attrici;

Rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti fis-1 ta’ Gunju 1998 (tergo fol 8 u fol 9) u fit-8 ta’ Lulju 1998 (fol 13) rispettivament u li huma ma pprezentaw ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduti tas-26 ta' Gunju 1998; tal-1 ta' Dicembru 1998; tad-29 ta' Jannar 1999; tal-10 ta' Marzu 1999; tat-13 ta' Ottubru 1999; tad-19 ta' Jannar 2000 fejn il-Qorti nnominat il-Perit Tekniku Noel Debattista sabiex jaghmel stima tal-fondi; tad-29 ta' Marzu 2000; tas-7 ta' April 2000; tat-30 ta' Mejju 2000; tas-27 ta' Gunju 2000; tal-10 ta' Lulju 2000 fejn il-Perit Noel Debattista halef ir-rapport. Il-kawza giet differita

ghall-ezami tar-rapport; u tad-19 ta' Ottubru 2000 fejn Dr Robert Mangion ghall-konvenuti prezenti pprezenta nota ghalihom li permezz taghha rrimettew ruhhom ghar-rapport. Dr Rachel Bonello rrimettiet ruhha wkoll. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar, 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2001 fejn il-Qorti ddekretat li peress li l-process ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti tat-23 ta' jannar 2001, u l-process gie ghad-disposizzjoni tal-Qorti biss wara l-istess digriet u l-Qorti ma setghetx tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-setenza ghall-21 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-atturi u l-konvenuti f'din il-kawza huma ko-proprjetarji ta' erba' fondi u dan fil-kwoti msemmija fic-citazzjoni. Illi bi skrittura privata (Dok 'B'), il-partijiet qablu li l-fondi mhumiex komodamanet divizibbli fil-kwoti tal-partijiet u li ghalhekk ghandhom jigu licitati. Konsegwentement l-atturi peress li jridu jitterminaw tali stat ta' ko-proprjeta` a bazi ta' l-imsemmija skrittura ressqu l-kawza odjerna.

Illi din l-Onorabbli Qorti nnominat il-Perit Tekniku Noel Debattista sabiex jaghmel stima tal-fondi in kwistjoni. Illi fir-rapport li pprezenta huwa stima l-proprjeta` Nru 35, Islets Promenade, Bugibba ghas-somma ta' mija u erbghin il-elf Lira Maltin (Lm140,000); il-valur tal-proprjeta` nru 36, Islets Promenade, Bugibba gie stmat ghas-somma ta' mija u sittin elf lira Maltin (Lm160,000).

Illi ghar-rigward taz-zewg garaxxijiet l-istess Perit Tekniku stmahom ghas-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) kull garagg.

Illi kemm Dr Rachelle Bonello ghall-atturi, kif ukoll Dr Robert Mangion ghall-konvenuti rrimettew ruhhom ghar-rapport tal-Perit Tekniku Noel Debattista. Illi in vista anki tal-iskrittura gia msemmija u miftehma bejn il-kontendenti fejn huma qablu li l-imsemmija proprjeta` ma hijiex komodament divizibbli fil-kwoti tal-partijiet u wara li rat id-dokumenti kollha prezentati, din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, fil-kontumacja tal-konvenuti billi **tilqa' t-talbiet attrici** u dan billi:

1. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-erba' fondi proprjeta komuni, u cioe` d-djar li jgibu n-numri hamsa u tletin (35) u sitta u tletin (36) Islets Promenade, Bugibba, u l-garaxxijiet li jgibu n-numri timintax (18) u tlieta u ghoxrin (23) Anici Street, Qormi, kif ahjar deskritti fil-lista Dokument 'A' tac-citazzjoni, u dan bl-ammissjoni tal-oblaturi estraniji;

2. Tordna li r-rikavat mill-bejgh jigi allokat lill-partijiet, u jittiehed minnhom skond il-kwota ta' ko-proprjeta, u cioe` parti wahda minn ghaxra (1/10) kull wiehed u wahda mill-atturi u kwart (1/4) kull wiehed mill-konvenuti.

Bl-ispejjes kollha, inkluz l-ETS, skond il-kwoti rispettivi bejn il-kontendenti.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Frar 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Frar 2001**